



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2013
(OR. en)**

**14681/2/13
REV 2**

LIMITE

**PESC 1211
RELEX 907
COEST 310
FIN 619**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja**

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL
(UE) Nru .../2013/**

ta'

**li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006
dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

¹ ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 li jirrigwarda miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja. Dawk il-miżuri japplikaw sal-31 ta' Ottubru 2013.
- (2) Fuq il-bażi ta' reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK¹, il-Kunsill iddeċieda li dawk il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2014.
- (3) Fid-dawl tal-gravità li għadha tippersisti tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja, il-Kunsill jikkunsidra li għandhom jinżiedu tliet persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (4) Il-Kunsill jikkunsidra wkoll li ma għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni u entitajiet jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (5) Barra dan, l-informazzjoni marbuta ma' ċerti persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandha tiġi aġġornata.
- (6) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 285, 17.10.2012).

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

"ANNEX I

Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2(1) ..."
